**7 ta' Ottubru, 1997**

**Imhallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

A.I.C. Joseph Barbara *et*

*versus*

Onorevoli Prim Ministru

## Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem - Proprjeta` - Diskriminazzjoni - Preskrizzjoni Trentennali - Preskrizzjoni Kwinkwennali

*Ir-rikorrent kien ippreżenta kawża f'liema allega li ġie miksur id-dritt tiegħu fondamentali għat-tgawdija tal-proprjeta` tiegħu u non-diskriminazzjoni f'tali tgawdija. L-intimat eċċepixxa li tali dritt kien preskritt bil-preskrizzjoni ta' ħames snin għat-tenur ta' l-artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet li dawn id-drittijiet ma kinux hekk preskritti u l-preskrizzjoni se mai applikabbli kienet dik ta' tletin sena skond l-artikolu 2143 ta' l-istess Kodiċi. L-intimati appellaw in via prinċipali waqt li r-rikorrent appella*

*inċidentalment. Il-Qorti Kostituzzjonali ċaħdet iż-żewġ appelli.*

*Il-Qorti rriteniet li l-ebda prskrizzjoni, la dik kwinkwennali u lanqas dik trentennali, ma kienet applikabbli fil-każ ta' allegat ksur ta' dritt fondamentali. Il-leġislatur seta', kieku ried, jimponi terminu ta' preskrizzjoni, imma huwa ma għamilx hekk la fil-Kostituzzjoni u lanqas fl-Att li adotta fil-liġi Maltija l-Konvenzjoni Ewropeja. Għalhekk ma kienx leċitu li wieħed jinterpola bħala applikabbli għall-każ preskrizzjoni li ma kinitx ikkontemplata mil-leġislatur.*

Il-Qorti:-

Fil-31 ta' Lulju, 1995, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet eċċezzjoni ta' l-intimat li biha eċċepixxa li l-azzjoni ta' indoli Kostituzzjonali kienet ġiet estinta bil-prekrizzjoni kwinkwennali a tenur ta' l-artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili;

Dan hu r-rikors promotur:

"Rat ir-rikors kostituzzjonali ta' l-A.I.C. Joseph Barbara u oħrajn, ippreżentata fl-24 ta' Frar, 1995, li bih wara li ppremettew:

Illi l-esponenti AIC Joseph Barbara, flimkien ma' uliedu r-rikorrenti l-oħra, huma proprjetarji *pro indiviso* ta' tmienja u erbgħin (48) mill-appartamenti tal-korp ta' bini magħruf bl-isem "St. Julian's Court", Sur Fons Street, San Ġiljan, amministrati mir-rikorrent Perit Joseph Barbara, li kienu ġew konċessi in enfitewsi temporanea lis-Servizzi Ingliżi;

Illi meta s-Servizzi Ingliżi waslu biex jitilqu minn Malta ġie deċiż li huma kellhom jgħaddu lura lis-sidien l-imsemmi korp ta' bini, u dan kif jirriżulta mill-ittra tal-*Property Services Agency*,

*Regional Estate Surveyor*, tat-23 ta' Diċembru, 1976 (Dok. A);

Illi l-awtoritajiet tas-Servizzi Ingliżi kienu għaddew lill-amministratur xi sitt iċwievet ta' appartamenti minnhom tipiċi biex huwa jkun jista' juri l-istess appartamenti lil min ikun interessat;

Illi r-rikorrent AIC Joseph Barbara kien irnexxielu jiffirma konvenji favur ċittadini Maltin fil-parti l-kbira ta' din il-proprjeta` u ċjoe` fir-rigward il-kbira ta' din il-proprjeta` u ċjoe` fir-rigward ta' ħamsa u erbgħin (45) minnhom, u r-rikorrenti kienu rritenew liberi tlieta (3) minn dawn l-appartamenti għall-użu tagħhom;

Illi fil-perijodu mid-data ta' l-imsemmija ittra sar-rilaxx effettiv saret pressjoni mill-Amministrazzjoni ta' dak iż-żmien sabiex il-fizzjali għolja Ingliżi jċedu l-perijodu enfitewtiku rimanenti lill-Gvern tal-ġurnata, u dawn il-fizzjali finalment injoraw il-promessa li kienu taw bil-miktub u ċedew għall-pressjoni mill-Amministrazzjoni u spiċċaw biex irregolaw il-perijodu taċ-ċens temporanju lill-Gvern ta' Malta *gratis et amore*;

Illi b'riżoluzzjoni tal-Parlament Malti tas-17 ta' Lulju, 1978, imressqa mill-Prim Ministru, saret ċessjoni tas-subutili dominju temporaneju, unikament għal użu turistiku, lill-kumpannija sussidjarja tas-soċjeta` Air Malta Company Limited, li ġġib l-isem Holiday Services Company Limited, ikkreata għal dan l-iskop, bi projbizzjoni espressa li ma setax isir użu minnhom ħlief biex jiġu akkomodati barranin, bl-obbligu pero` li sitta (6) minn dawn l-appartamenti jintużaw biss mill-Gvern mingħajr pagament. Ma ġie impost l-ebda awment fiċ-ċens li Holiday Services Company Limited kellha tħallas lill-Gvern, iżda l-kumpannija kellha l-obbligu li tkompli tħallas lis-sidien hi. Dan kollu sar avolja l-planimetrija

ta' St. Julian's Court kienet tirrendih mhux adatt għall-iskop li għalih il-Gvern tal-ġurnata allegatament riedu, kif jiġi mfisser aktar 'l-isfel;

Illi fl-istess triq kien hemm żewġ korpi oħra ta' appartamenti, "Oakhill" u "Oakleaf", konsistenti fi tmien (8) apartamenti kull wieħed li kienu eżattament fl-istess ċirkostanzi bħal "St. Julian's Court" appartenenti lill-atturi u s-Servizzi Ingliżi mingħajr indħil mill-Gvern ta' Malta ġew, imħollija, b'diskriminazzjoni trasparenti, jirrilaxxjaw dawn iż-żewġ korpi oħra ta' *flats* lis-sidien tagħhom;

Illi fl-istess ġurnata tas-17 ta' Lulju, 1978 għaddiet riżoluzzjoni oħra similment proposta mill-Prim Ministru rigwardanti l-appartamenti li jġibu l-isem "Navarino Flats" ġewwa Fond Għadir, Sliema, u f'dan il-każ it-trasferiment ma ġiex effettwat permezz ta' sempliċi ċessjoni, iżda ġie impost awment fil-pagament annwu minn Lm2,185 fis-sena għal Lm13,000 fis-sena. Id-diskrepanza bejn il-kundizzjonijiet taż-żewġ trasferimenti lil *Holiday Services Company Limited* hija lampanti;

Illi, kjarament din id-diskrepanza hija dovuta għall-fatt li l-planimetrija ta' Navarino Flats hija tali li, bl-għeluq ta' xi bibien u ftuħ ta' oħrajn li jagħtu fuq il-pjanijiet tat-turġien, tippermetti s-subdiviżjoni tagħhom b'mod li r-riżultanzi appartamenti jiċkienu għal dimensjonijiet kompatibbli mal-ħtiġijiet tat-turisti. Għall-kuntrarju, subdiviżjoni simili f'St. Julian's Court ma tistax tiġi effettwata in kwantu l-kumditajiet ta' kull appartament jintlaħqu minn kuridur twil, bla ebda possibbilita' ta' xi aċċess ieħor mill-pjanijiet tat-turġien. Isegwi ċar li l-Gvern ta' allura kien konxju li St. Julian's Court ma kienx adatt u idoneu għall-iskop li allegatament il-pajjiż kellu bżonn ta' iżjed *holiday flats*, is-sidien setgħu, qabel

ma jittieħdu passi ulterjuri, jiġu interpellati jekk kinux pronti li huma stess jagħtu dan is-servizz lill-pajjiż;

Illi fit-13 ta' Lulju, 1983, ġiet imressqa u approvata risoluzzjoni oħra dwar St. Julian's Court, li permezz tagħha l-kumpannija *Holiday Services Limited* ġiet xolta mill-obligu li tagħmel biss użu minn dawn l-appartamenti għall-akkomodazzjoni ta' *non-residents*. B'hekk din is-soċjeta` setgħet toffrihom lil ċittadini Maltin, proprju kif kienu għamlu l-atturi sidien meta s-Servizzi Ingliżi indikawlhom li kienu sejrin jirritornawhom lilhom - bid-differenza pero`, li kull ċittadin li jaspira li jokkupa xi wieħed minnhom ġie assoġġettat li jħallas rigal ta' Lm3,000 u jħallas ċens awmentat biex jagħmel tajjeb għas-sitt appartamenti rriservati għall-użu esklussiv tal-Gvern. Fl-okkażjoni ta' din ir-risoluzzjoni, l-Onorevoli Ġuże` Cassar li pproponiha f'isem il-Prim Ministru Dom Mintoff kien qal testwalment fil-Parlament:

"... peress li huma pjuttost kbar dawn il-*flats*, ma tantx *they lend themselves* li jistgħu jinkrew għall-iskop li ħatidhom il-*Holidays Services Company Limited* ... għax fil-fatt veru huwa diffiċli biex il-kumpannija tista' tikrihom għall-iskop li oriġinarjament il-Gvern taħomlha ... il-kumpannija tkun tista' toffri lill-pubbliku";

Minn din l-affermazzjoni jirriżulta b'mod ċar li l-appartamenti in kwistjoni ma kinux adattati u idonei għall-iskop li allegatament il-Gvern ta' allura esiġa u għamel pressjoni fuq is-Servizzi Ingliżi sabiex jgħadduhom lilu;

Illi din ir-risoluzzjoni kienet miżura oħra li kompliet tippreġġora l-kundizzjoni li sabu ruħhom fiha r-rikorrenti bħala

sidien;

Illi l-premess jistabbilixxi inkofutabbilment illi l-operat tal-Gvern kien abbużiv u diskriminatorju u intiż mhux biex jaqdi l-bżonnijiet tal-pajjiż, iżda biex jikkaġuna l-ikbar ħsara finanzjarja possibbli lis-sid;

Illi, sabiex jiġi ppruvat aħjar l-animu u l-atteġġjament ta' l-Amministrazzjoni ta' allura, immexxija mill-Perit Dom Mintoff, lejn ir-rikorrenti, sejrin jiġu hawn elenkati, fi Skeda separata hawn annessa u mmarkata Dok. "X", diversi miżuri oħra intiżi sabiex jintlaħaq l-istess skop, liema miżuri jiġu mfissra aħjar fil-kawża;

Illi l-kumulu ta' miżuri li ħa l-Perit Dom Mintoff bħala Prim Ministru u l-Gvern tiegħu kienu intiżi biex jippreġudikaw serjament il-qagħda finanzjarja tar-rikorrenti, liema sitwazzjoni setgħet eventwalment twassal għall-kollass ta' l-assi patrimonjali tar-rikorrenti;

Illi tant hu ben not dan il-motiv illi l-intimat stess, Onor. Prim Ministru Dr. Eddie Fenech Adami, meta kien għadu Kap ta' l-Opposizzjoni, kien qal lir-rikorrent li meta kien qed jiġi diskuss fil-Parlament l-abbozz ta' liġi dwar il-*winding up* tal-*War Damage Commission*, hu kien qal spontanjament lid-Deputat ta' ħdejh illi din il-leġislazzjoni kienet qiegħda ssir biex tgħaffeġ l-interessi tal-Perit Barbara;

Illi għalhekk il-Gvern ta' Malta għandu jirrispondi għall-operat ta' l-Amministrazzjoni ta' dak iż-żmien billi l-premess ġie mwettaq bl-użu indiskriminat u abbużiv, fil-konfront tar-rikorrent, tal-poteri governattivi;

Illi l-premess jikkostitwixxi ksur ta' l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta dwar protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjeta` bla kumpens u ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem kif sanċit fl-Ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987, kif ukoll ksur ta' l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni dwar protezzjoni minn diskriminazzjoni minħabba opinjonijiet politiċi u ta' l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja kif sanċit fl-Ewwel Skeda ta' l-istess Att XIV ta' l-1987;

Illi l-premess jammonta ukoll għal vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrenti għal rimedju effettiv anke meta l-vjolazzjoni tiġi mwettqa minn persuni filwaqt li jkunu jaġixxu f'kapaċita` uffiċjali, liema dritt huwa sanċit fl-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja u ġie inkorporat fl-Ewwel Skeda ta' l-imsemmi Att XIV ta' l-1987;

Premess dan kollu, ir-rikorrenti talbu umilment illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħmel dawn l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq u tiżgura t-twettiq ta' l-artikoli fuq imsemmija, fosthom billi tiddikjara li kien hemm vjolazjoni ta' l-artikoli msemmija fir-rikors fil-konfront tagħhom għar-rigward tal-każ ta' St. Julian's Court, u tistabbilixxi l-kumpens xieraq li għandu jitħallas mill-intimat lir-rikorrenti għall-imsemmija vjolazzjoni għad-dannu tar-rikorrenti. Bl-ispejjeż u b'riserva ta' kull azzjoni oħra spettanti lill-imsemmija rikorrenti";

*L-intimat hekk oppona t-talba tar-rikorrenti:*

"Illi din il-kawża hija bbażata fuq allegazzjonijiet dwar fatti li ġraw mill-inqas sittax-il sena ilu u għalhekk għall-eżerċizzju ta' din l-azzjoni tosta l-preskrizzjoni kkontemplata fl-artikolu 2156 (f)

tal-Kodiċi Ċivili;

Illi, di piu`, il-lanjanzi tar-rikorrenti huma bbażati fuq allegazzjonijiet ta' eżerċizzju abbużiv ta' poteri pubbliċi minn persuni li okkupaw karigi pubbliċi li kienu allegatament qed jaġixxu "in mala fede". Illi tali komportament, jekk seħħ, jammonta kemm għal reat kriminali fit-termini ta' l-artikolu 138 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll jagħti lok għal azzjoni ċivili għad-danni kontra l-persuni li allegatament eżerċitaw il-poteri pubbliċi tagħhom "in mala fede" biex jopprimu lir-rikorrenti u biex jikkaġunawlhom l-akbar ħsara finanzjarja possibbli, kif ukoll għal azzjonijiet ċivili biex jiġu annullati dawk l-atti ta' l-amministrazzjoni mwettqa bħala konsegwenza ta' tali *mala fede*;

Illi għalhekk, speċjalment in vista tal-fatt illi matul dan iż-żmien kollu r-rikorrenti qatt ma intavolaw tali azzjonijiet u qatt ma għamlu rapporti dwar tali reati - u dan avolja, kif jirriżulta ukoll mill-elenku "Dok. X" huma matul l-istess perijodu li fih allegatament ġraw il-fatti lamentati kienu intavolaw diversi azzjonijiet oħra kontra l-amministrazzjoni pubblika kull fejn ħassewhom aggravati bid-deċiżjonijiet tagħha - huwa opportun illi din l-Onorabbli Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża fit-termini ta' dak li jipprovdu l-*proviso* għall-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* għall-artikolu 4 (2) ta' l-Att ta' l-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja;

Illi dwar il-meritu ta' l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti, dawn għandhom fl-ewwel lok jispeċifikaw jekk l-elenku ta' allegazzjonijiet inkluż fid-Dok X, jiffurmaw parti mill-korp tar-rikors promotur u, jekk iva, ir-rikorrenti għandhom jispeċifikaw liema artikolu tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar

id-Drittijiet tal-Bniedem huma qed jallegaw li ġew leżi fil-konfront tagħhom abbażi ta' kull wieħed mill-fatti allegati;

Illi l-esponent, filwaqt li jirriserva li jirrispondi dwar l-elenku kkontenut fid-Dok. X, meta r-rikorrenti jippreċiżaw il-posizzjoni tagħhom, jirrileva ukoll illi l-fatti allegati fir-rikors promotur la jindikaw li sar xi teħid forzuż ta' "St. Julian's Court" (għax fil-fatt huwa ammess mir-rikorrenti li l-Gvern kien akkwista biss il-kumplament taċ-ċens (u mhux il-proprjeta') kontrattwalment mingħand l-utilisti) u lanqas ma jindikaw ir-raġuni li fuqha hija bbażata l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni minħabba opinjoni politika;

Illi dwar l-allegazzjoni ta' leżjoni ta' l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja l-esponent jissottometti li din hija manifestament infondata stante li l-abbuż ta' l-awtorita' pubblika u l-aġir f'kariga pubblika *in mala fede* qatt ma kienu protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u lanqas mil-liġijiet ordinarji ta' pajjiżna kif diġa' mfisser aktar 'il fuq f'din ir-risposta";

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ġustament iddeċidiet qabel xejn l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali u b'sentenza tal-31 ta' Lulju, 1995, irrespinġiet din l-eċċezzjoni ssollevata mill-intimat bl-ispejjeż kontra tiegħu u ddifferiet ir-rikors għall-kontinwazzjoni fil-meritu;

Utili għall-aħjar apprezzament tal-punt ta' dritt involut f'dan l-istadju ta' trattazzjoni li tiġi riprodotta l-motivazzjoni tas-sentenza appellata;

"Illi din hija deċiżjoni preliminari limitata għall-eċċezzjoni

ta' preskrizzjoni ssollevata mill-intimat Onor. Prim Ministru permezz tar-risposta tiegħu tat-2 ta' Marzu, 1995 (fol. 12). L-imsemmi intimat qed jeċċepixxi l-preskrizzjoni kwinkwennali skond il-paragrafu (f) ta' l-artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili. Dan il-paragrafu jirreferi għal

"azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni iqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku";

Kemm mit-trattazzjoni ta' l-abbli difensur ta' l-intimat kif ukoll min-noti ta' l-istess intimat tat-28 ta' Marzu, 1995 (fol. 22) u tat-12 ta' Ġunju, 1995 (fol. 83) jidher li l-intimat qed jibbaża l-argumenti tiegħu prinċipalment fuq żewġ premessi u ċjoe` li l-kelma "kreditu" fl-imsemmi paragrafu tinkludi kull forma ta' obbligazzjoni u mhux neċessarjament kreditu ta' flus u għalhekk tinkludi l-obbligazzjoni ta' l-istat li jissalvagwardja d-drittijiet u l-libertajiet fondamentali u li jipprovdi rimedju għall-ksur tagħhom u t-tieni premessa, li in fin dei conti r-rimedju kostituzzjonali jirrisolvi ruħu f'rimedju pekunjarju, ċjoe` kreditu pekunjarju li l-individwu jkollu lejn l-istat;

Issa, m'hemmx dubbju li l-fatti allegati mir-rikorrenti, u l-ksur tad-drittijiet fondamentali minnhom irreklamati, jirrisalu għal aktar minn ħames snin ilu. Ir-rikorrenti, mill-banda tagħhom, jikkontendu li azzjonijiet bħal dawk promossi bir-rikors odjern, ċjoe` azzjonijiet għal rimedju skond l-artikolu 46 (1) (2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 (1) (2) ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319) huma impreskrivibbli;

Din il-Qorti ħasbet fit-tul fuq din il-kwistjoni. Huwa veru li

la l-Kostituzzjoni, la l-Kap. 319, u anqas ir-Regoli ta' l-1993 dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati ma jistabbilixxu xi terminu li fih għandha tiġi promossa azzjoni simili (u dan a diferenza, per eżempju, ta' l-artikolu 26 tal-Konvenzjoni Ewropeja li tistabilixxi terminu ta' sitt xhur mid-data li fiha tkun ittieħdet deċiżjoni finali li biha persuna tkun eżawriet ir-rimedji domestiċi kollha). Dan jista' jkun nuqqas fis-sistema tagħna li jista' jkun desiderabbli li azzjonijiet għal rimedju kostituzzjonali jkunu rregolati, fis-sens ta' peskritti, bi preskrizzjoni speċifika. Pero' din il-Qorti tifhem li fin-nuqqas ta' disposizzjoni speċifika japplikaw ir-regoli tal-preskrizzjoni kontenuti fit-Titolu XXV tal-Kodiċi Ċivili. Il-kliem użati fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 2107 tal-Kap. 16 a rigward tal-preskrizzjoni estintiva huma wiesgħa biżżejjed biex jikkomprendu azzjonijiet għal rimedju kostituzzjonali;

Pero' l-kwistjoni li trid tiġi deċiża b'*din is-sentenza* hi jekk hux applikabbli il-paragrafu (f) ta' l-artikolu 2156 u mhux jekk hemmx xi preskrizzjoni oħra li tista' talvolta tkun applikabbli. Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa diversi sentenzi tal-Qrati tagħna li jirrigwardaw dana l-paragrafu, fosthom **Francesco Spiteri** *vs* **Eustratio Petrococchino** *et*, Qorti tal-Kummerċ, 09/01/19, Vol. XXIV, III.733; **Giovanni Saliba** *et vs* **Angelo Grech**, Appell, 07/02/49, Vol. XXXIII.I.397, **Anthony Falzon** ***noe vs*** **Maġistrat Dr. Agostino Gauci Maistre** *et*, Appell, 04/02/52, Vol. XXXVI.I.16, **Giovanni Mifsud** *vs* **Giuseppe Pullicino**, P.A., 19/10/54, Vol. XXXXVIII.II.588, **Lorenza Buttigieg** *et vs* **Gio Batta Caruana**, Appell, 14/02/55, Vol. XXXIX.I.101; **Mons. Lorenzo Spiteri** *vs* **Giuseppina Aquilina**, P.A., 26/06/58, Vol. XLII.II.1106; **Mary Anastasi** *et vs* **Dr. Paul Mallia** ***noe et.***, P.A., 04/02/74, u **Philip Grima** *vs* ***Dr. Joseph*** **Cassar Galea**, Appell, 16/12/66. Minn din il-ġurisprudenza jidher ċar li l-paragrafu (f) in

diżamina għandu jirċievi interpretazzjoni in bażi għar-regola ta' l-*ejusdem generis* in korrelazzjoni max-xorta ta' krediti msemmija fl-inċiżi li jiġu qabel ta' l-istess artikolu, u li mhux aċċettabbli interpretazzjoni estensiva ta' dan il-paragrafu. L-espresjoni "kull kreditu ieħor" jidher li dejjem ġiet interpretata bħala li tirreferi għal kreditu ta' flus jew li jkollu l-istess natura bħal flus. Hekk, per eżempju, fis-sentenza **Mifsud *vs* Pullicino** ġa' ċitata, din il-Qorti qalet hekk:

"Kull kreditu ieħor" hemm imsemmi m'għandux jiftiehem illi jista' jkun kwalunkwe kreditu, ikun li jkun, imma dak biss li mhux imsemmi espressament fl-istess disposizzjoni, u li jkollu l-istess natura bħal flus, bħal meta jkun jittratta, biex jingħata eżempju, minn kreditu li ġej minn self ta' ħaġa funġibbli li ma tkunx flus. Is-self ta' flus jifforma oġġett ta' l-ewwel applikazzjoni in ispeċje, imma meta s-self ikollu bħala oġġett ħwejjeġ oħra funġibbli, jidħol fit-tieni applikazzjoni ġenerali" (paġna 590);

Huwa veru li l-Qorti ta' l-Appell, fis-sentenza **Grima *vs* Cassar Galea**, ġa' msemmija, jidher li ttantat tagħti interpretazzjoni xi ftit aktar wiesgħa u dan a bażi tal-kliem, fil-paragrafu in diżamina "*or other causes*" ("jew minn ħwejjeġ oħra"), iżda dik il-kawża kienet tirrigwarda azzjoni *de in rem verso* fejn il-kreditu pretiż kien proprju ta' flus. Fejn il-kreditu mhux ta' flus jew ma jkollux l-istess natura bħala flus, il-paragrafu (f) ta' l-artikolu 2156 mhux applikabbli. Hekk, per eżempju, kuntrarjament għal dak li donnu qed jippretendi jew jissottometti l-intimat fin-nota tiegħu tat-12 ta' Ġunju, 1995 (ara fol. 86 ta' l-atti) il-kreditu naxxenti mill-*actio pauliana* ma jaqax taħt il-preskrizzjoni kkontemplata f'dan il-paragrafu (f) (ara **Spiteri *vs* Petrococchino**, *supra*);

Fl-isfond ta' dana kollu din il-Qorti tara li r-rikorrenti mhux qed jaġixxu biex jirrivendikaw xi kreditu fi flus jew kreditu li għandu l-istess natura bħal flus. Ir-rikorrenti qed jitolbu li jiġu rivendikati d-drittijiet tagħhom fondamentali u kostituzzjonali - dan hu l-kreditu minnhom pretiż. Huwa veru li bħala rimedju u fost id-diversi rimedji li tista' tagħti din il-Qorti, hemm ir-rimedju tal-kumpens fi flus - dan ir-rimedju qed jissemma speċifikatament mir-rikorrenti bla preġudizzju għall-ġeneralita' tar-rimedji possibbli - pero' dan il-fatt fih innifsu ma jpoġġix l-azzjoni tar-rikorrenti fil-kategorija ta' dawk ikkontemplati fl-artikolu 2156 tal-Kap. 16. L-effett ta' obbligazzjoni, li hi l-azzjoni u r-rimedju pretiż, m'għandhiex tiġi konfuża mal-kreditu nnifsu;

Raġuni oħra għala din il-Qorti tara li mhix applikabbli l-preskrizzjoni eċċepita hi għax mhux konċepibbli li f'azzjonijiet bħal dawk odjerni jiġi applikat l-artikolu 2160 tal-Kap. 16, liema artikolu kien jista' jiġi invokat mir-rikorrenti li kieku l-azzjoni hi, jew tista' tiġi kolpita bl-artikolu 2156;

Fil-fehma tal-Qorti, għalhekk, il-preskrizzjoni li talvolta hi applikabbli għall-azzjonijiet simili hi dik trentennali skond l-artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili, liema preskrizzjoni għandha l-oriġini tagħha fid-Dritt Ruman u b'mod partikolari fil-kostituzzjoni osia leġislazzjoni ta' l-Imperatur Teodosju II tas-sena 424";

L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva ta' l-azzjoni biex jiġi rrivendikat dritt fondamentali protett bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni u biex jiġi assigurat rimedju għall-vjolazzjoni tiegħu tqajjem kweżiti dwar in-natura tad-dritt fondamentali nnifsu, l-oriġini u l-universalita' tiegħu. Kweżiti li għalkemm ingħataw riżalt u prominenza f'dawn l-aħħar deċenni, ilhom li interessaw l-

attenzjoni tal-ġuristi li fil-verita` jirriżultaw konkordi fuq il-prinċipju bażilari li kellhom janimaw u jimmotivaw kull dibattitu dwar jekk kienx jew le ġuridikament korrett li wieħed jikkunsidra t-telfien ta' dritt fondamentali bis-sempliċi perkors taż-żmien. U dan għaliex għandu jkun ovvju illi, salva d-distinzjoni li ssir u li għandha tiġi kkunsidrata bejn it-telfien ta' dritt ta' azzjoni biex tiġi rrimedjata vjolazzjoni ta' dritt fondamentali u t-telfien tad-dritt innifsu, m'hemmx dubbju illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva ta' l-azzjoni mogħtija mill-intimat appellant jekk milqugħa, tkun timporta effettivament it-telfien tad-dritt fondamentali nnifsu kif manjestat fiċ-ċirkostanzi li taw lok għall-vertenza taħt eżami. Għandu jingħad illi mis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju, 1995 appellaw kemm prinċipalment l-intimat, kif ukoll inċidentalment ir-rikorrent. L-ikntimat naturalment, appella miċ-ċaħda ta' l-Ewwel Qorti ta' l-eċċezzjoni tiegħu li l-azzjoni tar-rikorrent kienet estinta permezz tal-preskrizzjoni kwinkwennali waqt illi r-rikorrent appella inċidentalment għaliex sostna illi ma kienx korrett dak li qalet l-Ewwel Qorti illi t-terminu preskrittiv applikabbli kien dak ta' tletin sena u jissottometti illi azzjonijiet li jirrigwardaw id-drittijiet fondamentali ma kinux preskrivibbli;

Mhux il-każ li din il-Qorti tinoltra ruħha fi trattat approfondit rigward in-natura tad-drittijiet fondamentali u kif dawn joriġinaw minn dawk il-libertajiet bażiċi li kull bniedem għandu jgawdi biex jagħti espressjoni sħiħa lill-persuna u lill-personalita` tiegħu fil-limiti ikkonsentiti mill-konvivenza soċjali ma' bnedmin oħra fl-istess soċjeta`. Dan għamluh b'għerf u perspikaċja u qawwa ta' analisi profonda ġuristi u filosofi minn żmien il-Griegi sal-lum. Din il-Qorti ser tillimita ruħha għal dawn il-konsiderazzjonijiet rilevanti fil-kuntest ta' l-eċċezzjoni taħt eżami. Hi l-fehma kkonsidrata ta' din il-Qorti illi d-drittijiet fondamentali tal-bniedem

kif protetti *mill-Kostituzzjoni* u mill-Konvenzjoni Ewropeja mhumiex fihom infushom preskrivibbli bil-perkors taż-żmien;

Tikkunsidra:

Ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju illi d-drittijiet fondamentali bħala prinċipju huma materja li jinteressaw lill-ordni pubbliku. Huma drittijiet inerenti man-natura umana li sabu rikonoxximent u l-espressjoni sħiħa tagħhom fi żminijiet moderni wara r-Rivoluzzjoni Franċiża ta' l-1789. Id-dikjarazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem innifisha tibda bil-preambolu illi l-bnedmin jitwieldu u jibqgħu ħielsa u *ndaqs fid-drittijiet*. Il-għan ta' kull assoċjazzjoni politika hu l-konservazzjoni "tad-drittijiet naturali u impreskrivibbli tal-bniedem". Dak il-preambolu jiddikjara ukoll illi dawn il-jeddijiet huma inaljenabbli. Kif jgħid il-Laurent "*Principi di Diritto Civile*" (Vol. XXXII, p. 22, *et seq*) "*Quando tratta si della liberta` si puo` dire che essa e` imprescrittibile, perche essa e` inalienabile essa non e` affatto in commercio*". Minn din il-konsiderazzjoni introduttiva għandha toħroġ is-soluzzjoni għall-kweżit jekk azzjoni għar-rivendikazzjoni tad-dritt fondamentali vvjolat kinitx jew le soġġetta għall-preskrizzjoni estintiva. Dan proprju mit-termini appena espressi, "*imprescrittibile*", "*inalienabile*", "*extra commercio*" u "ordni pubbliku";

Il-Kostituzzjoni indubbjament tifforma parti mid-dritt pubbliku. Hi infatti l-għola strument legali li jassigura l-ordni pubbliku fis-soċjeta`, li jirregola kif kellhom jiġu protetti d-drittijiet fondamentali tal-persuni li jikkomponuha u kif jiġu assigurati l-konvivenza u l-*buon ordni* fir-rispett sħiħ ta' dawn il-libertajiet fondamentali;

*"Lo stato degli uomini non e' nel commercio, non si acquista e non si perde per fatto della prescrizione ... in conseguenza i diritti di cittadino non si acquistano ne per convenzione ne per prescrizione e non si perdono col non usarne. Questi sono dei diritti puramente facoltattivi per eccellenza, il cittadino esercita i suoi diritti come vede, come li acquista nella sua qualita' di membro di una societa' politica non puo' perderli che decadendo della sua nazzionalita'"* (Laurent *ibid*);

Kif ineizament jelabora l-Pugliese "*Trattato della Prescrizione Estintiva*" (Vol. II, p. 47 *et seq*);

*"Qualunque sia il decorso del tempo, e' sempre consentito di rivendicare la propria liberta', contro la quale non e' ammessa prescrizione alcuna ... Le leggi, che attengono all'ordine, alla moralita', alla sicurezza, al vantaggio di tutto il corpo sociale, hanno uno scopo elevato al di sopra di ogni privato interesse, e s'impongono di conseguenza al cittadino come p 2Xnorma assoluta ed impreteribile. I diritti, che esse assicurano, non possono mai venir meno, ne' estinguersi per trascorrere di tempo la obbligazione che esse generano ... Nessun diritto puo' sorgere da un fatto colpevole, qual'e' la violazione di un precetto imperativo tendente alla difesa delle societa' tutta, in qualunque momento la legge riprende il suo impero ed annulla lo stato contrario di cose"*;

*"I patti e le convenzioni riguardanti l'ordine pubblico stabilito, non hanno alcun valore in contrario, onde possono dirsi imprescrittibili in quanto che alla loro insussistenza non e' d'uopo che siano travolti colla prescrizione. All'incontro le azioni per reclamare cio' che la natura e lo stato civile esignono, sono imprescrittibili perche' il loro non uso, per qualunque tempo, non*

*le sopprime, e' perche' la stessa rinunzia non sarebbe capace ..*" (Borsari Commentario Del Codice Civile Italiano Terzo Libro, Vol. IV, p. 838 *et seq*);

Konsiderazzjonijiet fondamentali *ta'* dritt pubbliku li ilhom minn żmien ilu ġew apprezzati mil-leġislatur nostran, ferm qabel ma ġiet fis-seħħ il-Kostituzzjoni ta' Malta u ferm qabel ma ġiet inkorporata bħala parti mill-korp leġislattiv il-Konvenzjoni Ewropeja ta' Drittijiet tal-Bniedem. Indubbjament il-leġislatur Malti fl-ordinanzi inkorporati fil-Kodiċi Ċivili, kien ispirat u influwenzat mill-ġurisprudenza kontinentali appena kkonsidrata. Infatti l-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi "m'hemmx preskrizzjoni dwar ħwejjeġ li huma *extra commercio*" (artikolu 2114 tal-Kodiċi Ċivili) u l-artikolu 982 (2) jistipula li "l-ħwejjeġ biss li mhumiex *extra commercio* jistgħu jkunu oġġett ta' ftehim u li allura jistgħu jagħtu lok għal drittijiet u obbligi waqt li l-artikolu 985 tal-Kap. 16 jipprovdi li "ma jistgħux ikunu oġġett ta' kuntratt ħwejjeġ" kuntrarji għall-ordni pubbliku. Ħwejjeġ dawn li huma allura *extra commercio*;

Dan qed jingħad biex jiġi ssottolineat li kuntrarjament għal dak li ġie sottomess mill-appellant intimat mhux kull dritt ta' azzjoni hu suġġett għal estinzjoni permezz ta' preskrizzjoni. Il-liġi stess tistabbilixxi li jeżistu ċirkostanzi fejn l-azzjoni tkun naxxenti minn materja ta' ordni pubbliku jew għaliex il-kawża ta' obbligazzjoni tkun materja *extra commercio* fejn id-dritt ta' azzjoni biex il-kreditur jirrivendika dak li hu tiegħu jew dak li ġie minnu mħallas indebitament ma jiġi qatt preskritt bis-sempliċi perkors taż-żmien;

"*Che giusta i principi del diritto comune la prescrizione contro le materie che appartengono all'ordine pubblico, non e' ammissibile - Prescriptio temporis juri pubblico non debet obsistere - L. 6, C.*

*de Oper. publ. quo pacto fieri non possunt, non admittunt praescriptionem, quia preascriptio fundatur sub tacito consensu, qui ex lapsu temporis preasumitur ... Che conseguentemente l'articolo 932 dell'Ordinanza No. VII del 1868, dal convenuto invocato, contempla soltanto quelle azioni, che si possono prescrivere, e non mai le azioni imprescrittibili. Che quindi, essendo la menzionata dispozione dell'articolo 4 dell'Ordinanza No. II del 1858 attinente, come gia` si e` detto, al diritto pubblico e non al diritto privato, di conseguenza ne viene che la prescrizione contemplata nel detto articolo 932 non e` applicabile al caso*" (Appell, **Notario Psaila vs Pubblico Pesatore Psaila,** 6 ta' Novembru, 1876);

Din il-Qorti, fi żmien mhux tant reċenti, jiġifieri fl-14 ta' Diċembru, p. 5X1935 in re **Zammit vs Zahra** (Appell Inferjuri) irriteniet li l-preskrizzjoni kontra "*le materie che appartengono all'ordine pubblico non e' ammisibile*". Dana qalitu l-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fl-ismijiet **Carmelo Lia** *vs* **Emanuele Genovese** deċiża fl-4 ta' Marzu, 1938 b'referenza għal eċċezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva ta' l-azzjoni għar-ripetizzjoni ta' ammont imħallas b'użura. Azzjoni ta' risoluzzjoni bbażat fuq obbligazzjoni illeċita u kontra l-ordni pubbliku. Hemm serje ta' sentenzi li jaffermaw dan il-prinċipju fosthom fir-rigward għad-dritt tal-konduttur għar-rifużjoni ta' kera mħallas in eċċess ta' dak permess mid-disposizzjoni espressa tal-liġi;

Appell 29 ta' Jannar, 1937 in re **Muscat** *vs* **Dimech**, 5 ta' April, 1937, in re **Abela** *vs* **Farrugia**, 4 ta' Marzu, 1938, in re **Lia** *vs* **Genovese**, 31 ta' Ottubru, 1938, in re **Gera** *vs* **Magro**, Prim'Awla, 15 ta' Marzu, 1940, in re **Galea** *vs* **Testaferrata Bonici**, Prim'Awla, 12 ta' Lulju, 1946, in re **Grixti** *vs* **Cutajar**, Appell 7 ta' Marzu, 1955, in re **Joseph Peplow** *vs* **Ferdinando**

Galea u oħrajn. Sentenzi kollha mmotivati mill-prinċipju illi l-obbligazzjoni u l-kreditu kienu jirrigwardaw pretensjonijiet li kellhom il-fondament tagħhom ukoll *fl-ordni pubbliku u li* konsegwentement ma kinux estingwibbli bil-preskrizzjoni (Vol. XXI, p. 458);

Ikkunsidrat:

Hu biżżejjed għall-konsiderazzjoni tal-meritu taħt eżami li din il-Qorti tikkunsidra n-natura tad-drittijiet fondamentali ttutelati mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropeja kif ukoll illi turi illi huwa apprezzat li l-liġi u l-ġurisprudenza tqis li dawn id-drittijiet fondamentali ma jiġux ippreġudikati u mhumiex soġġetti għall-estinzjoni permezz tad-dekors taż-żmien u li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni allura ma tapplikax għalihom. Din il-Qorti naturalment tissottolinea l-validita' ta' l-istitut tal-preskrizzjoni bħala mezz kif jiġi assigurat iċ-ċertezza ta' l-istat ta' dritt;

"*La prescrizione e' una istituzione che si impone in ogni legislazione ed in modo generale, quindi della piu' necessita'*, ordinariamente conforme *all'equita'*, essa e' sempre comandata *dall'interesse pubblico ... essa e' una istituzione indispensabile in tutti i paesi ...*" (Baudry Lacantinerie e Ro. Vol. XXVIII, p. 21);

Pero':

"*Tutto cioe' che si riferisce allo stato delle persone e' all'interesso pubblico e' fuori di commercio, onde in sifatta materia non e' opponibile la prescrizione; se adunque io abbia fatto alcuna cosa contro le leggi che regolano la sanita', la sicurezza pubblica, od altri interessi generali, il lungo possesso non mi da' il diritto di*

*mantenere la cosa nello stato in cui le ho poste, perche' l'interesse del privato non puo' mai prevalere a quello del pubblico, e perche' i diritti che appartengono alla societa', essendo inalienabili, sono del pari imprescrittibili*" (Ricci *Corso Teorico Pratico Di Diritto Civile*, Vol. V, p. 288 *et seq*);

Il-Kostituzzjoni ta' Malta, fl-artikolu 32, tiddikjara solennement illi "kull persuna f'Malta hija intitolata għad-drittijiet u libertajiet fondamentali ta' l-indivdwu" li telenka fosthom dak invokat mir-rikorrent fil-preżenti istanza "iżda suġġett għar-rispett ta' drittijiet u ta' libertajiet ta' oħrajn u ta' l-interess pubbliku". L-istess tagħmel il-Konvenzjoni Ewropeja. Dawn huma ż-żewġ strumenti legali li jikkonferixxu drittijiet lill-individwu fil-konfront ta' l-Istat li dan hu obbligat li jittutela u jassigura. Hu proprju għaliex jeżisti dan l-obbligu li ċ-ċittadin hu munit bl-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni bid-dritt ta' azzjoni biex jassigura protezzjoni adegwata kontra l-vjolazzjoni attwali jew anke t-theddida tal-vjolazzjoni ta' dawk id-drittijiet. Drittijiet li huma minn natura stess tagħhom inaljenabbli (li ma jfissirx li ma jistgħux ikunu rinunzjati) u konsegwentement *extra commercium*. Drittijiet li minn natura tagħhom huma fondamentali biex jirregolaw il-konvivenza ċivili u għalhekk neċessarjament ta' ordni pubbliku. Konsegwentement fid-dawl ta' l-insenjament fuq traċċjat huma impreskrivibbli u dana indipendentement mid-distinzjoni purament teorika jekk humiex jew le applikabbli għad-dritt pubbliku normi ta' dritt li huma strettament parti mid-dritt privat, kif hu l-istitut tal-preskrizzjoni;

Il-konsiderazzjoni illi azzjonijiet għar-rivendikazzjoni tal-jeddijiet fondamentali huma fil-prinċipju impreskrivibbli ma tfissirx naturalment illi ma jistax ikun hemm istitut leġislattiv partikolari, bħal ma hi l-istess Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni, li jkunu

jinkludu disposizzjoni espressa li tillimita biż-żmien l-eżerċizzju ta' azzjoni għal rimedju biex jiġi rrivendikat dak l-istess dritt taħt l-istitut leġislattiv partikolari. Hekk per eżempju meta l-leġislatur adotta bħala parti integrali mill-korp leġislattiv Malti, il-Konvenzjoni Ewropeja hu llimita l-applikazzjoni tagħha għall-fatti li l-meritu tagħhom avveraw ruħhom mid-data minn meta dak l-att ġie fis-seħħ 'il quddiem. Din il-limitazzjoni pero` ma tistax titqies bħala perijodu preskrittiv estintiv ta' l-azzjoni imma bħala limitazzjoni fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti li tieħu konjizzjoni ta' fatti li kienu ġraw qabel din id-data meta ġie fis-seħħ l-Att u dana għall-fini ta' l-għoti ta' rimedju *taħt* il-provediment tal-Konvenzjoni Ewropeja. Mhux eskluż lanqas li l-liġi timponi terminu għall-eċċezzjoni ta' l-azzjoni ta' indole Kostituzzjonali kemm taħt il-Kostituzzjoni u kemm taħt il-Konvenzjoni u dan jista' jsir ukoll fl-interess pubbliku jew biex jiġi assigurat l-ordni pubbliku. Provvedimenti ta' din ix-xorta pero`, sal-lum ma jirriżultawx u mhux il-każ li din il-Qorti tiddelibera ulterjorment dwar dan l-aspett tal-kwistjoni billi l-konsiderazzjoni tagħha hi limitata għall-aplikabilita' o meno ta' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ssollevata mill-appellant intimat u għal kull konsiderazzjoni li għamlet dwarha l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata;

F'dan il-kuntest din il-Qorti tinnota illi l-intimat għamel referenza għas-sentenza riċenti tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Stubbings vs United Kingdom** tat-22 ta' Ottubru, 1996. Hu ssottometta illi dik is-sentenza kienet ikkonkludiet illi l-iffssar tal-perijodi tal-preskrizzjoni mhumiex inkompatibbli mar-rikonoxximent tad-drittijiet fondamentali peress li anke f'dan il-kamp iċ-ċertezza tad-dritt u l-finalita' huma ukoll neċessarji. Hu jiċċita s-segwenti silta minn din is-sentenza tal-Qorti Ewropeja:

*"Limitation period served legitimate aims of insuring legal certainty and finality protecting potential defendants from stale claims which might be difficult to counter and preventing the injustice which might arise as if Courts were requested to decide upon events which took place in the distant past on the base of evidence which might have become unreliable and incomplete because of the passage of time"* ;

Mhux il-każ pero' li din il-Qorti tiddelibera dwar il-validita' ta' din il-konsiderazzjoni. Dan għaliex kif appena ġie kkunsidrat, din il-Qorti tqis li la l-Kostituzzjoni u lanqas il-Konvenzjoni ma jimponu sal-lum xi perijodu ta' preskrizzjoni fir-rigward ta' azzjonijiet biex jirrivendikaw id-drittijiet fondamentali u fejn tali provvediment ma jeżistix mhux il-każ li din il-Qorti tipprova teskoġitah jew tinterpretah minn xi istitut ieħor. Dana *multo magis*, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula f'din is-sentenza, illi fin-natura tagħhom id-drittijiet fondamentali taħt eżami huma fil-prinċipju impreskrivibbli, u ma jistgħux allura jiġu soġġetti għall-estinzjoni bis-sempliċi perkors taż-żmien jekk mhux b'disposizzjoni espressa tal-liġi. Dwar din il-materja din il-Qorti allura tirriserva l-ġudizzju;

Fir-rigward ta' l-applikabilita' tas-subinċiż (f) ta' l-artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili invokat mill-intimat appellant li jipprovdi għall-preskrizzjoni kwinkwennali "ukoll bħala mezz sabiex wieħed jinħeles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx eżerċita' l-jedd tiegħu għaż-żmien li tgħid il-liġi (artikolu 7102 (2))" din il-Qorti qieset il-konsiderazzjonijiet fis-sentenza appellata fuq riportati. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula minn din il-Qorti dwar in-natura tad-dritt fondamentali li r-rikorrent qed jirrivendika u l-impreskrivibbilita' ta' l-azzjoni *ut sic* fin-nuqqas ta' disposizzjoni

speċifika tal-liġi, l-osservazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti jitilfu ħafna mis-sinifikat tagħhom. L-istess jingħad għall-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti - anke jekk mhux mitluba li tagħmilha - li "l-preskrizzjoni li talvolta hi applikabbli għall-azzjonijiet simili hi dik trentennali skond l-artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili", liema preskrizzjoni għandha l-oriġini tagħha fid-dritt Ruman u b'mod partikolari fil-Kostituzzjoni ossia leġislazzjoni ta' l-Imperatur Teodożju tas-sena 424. Din hi konklużjoni li fil-fehma ta' din il-Qorti ma treġix fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq magħmula u l-insenjament fuq traċċjat. Dan ukoll għax dik id-disposizzjoni li tipprovdi għall-preskrizzjoni trentennali ukoll tapplika biss għal dawk l-azzjonijiet kollha reali, personali jew misti li huma preskrivibbli bil-liġi u mhux għal dawk li bħal dawk taħt eżami ma jistgħu qatt jiġu estinti permezz tal-preskizzjoni, fin-nuqqas tad-disposizzjoni espressa. Sewwa jingħad illi anke għall-Imperatur Teodożju II kien hemm ċertu drittijiet li ma kinux soġġetti għall-estinzjoni bil-perkors sempliċi taż-żmien:

"*It was the Emperor Theodosius II, who moved by various provincial examples, first introduced, by a statute of 424, a general prescription of actions real, as well as personal. The period of prescription was 30 years and in exceptional cases 40 years. Certain rights were imprescriptable*" (Roman Private Law Max Kaser, p. 30 *et seq*);

Anke fi żmien Teodożju II, il-ġuristi kienu konsapevoli tal-fatt li mhux id-drittijiet kolha kienu ta' l-istess xorta u li kien hemm drittijiet ta' ċerta portata li kienu jirrispekkjaw valuri bażiċi u li kienu jittranxendu ż-żmien. Dawn id-drittijiet ma kellhomx allura jintilfu minn min kien intitolat li jgawdihom, sempliċement bil-perkors *taż-żmien*. Il-preskrizzjoni estintiva ta' l-azzjoni anke il-

*longi temporis praescriptio* ma kellhiex tkun allura applikabbli għalihom;

Dan l-aspett tal-kwistjoni ġie pero' diskuss u deċiż mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata bħala *obiter*. Dan peress illi dik il-Qorti kienet fil-verita', tenuta li tiddelibera u tiddeċidi biss fuq jekk kinitx jew le applikabbli għall-każ taħt eżami, il-preskrizzjoni kwinkwennali estintiva ta' l-azzjoni eċċepita mill-intimat appellant. Ma kellhiex allura għalfejn l-Ewwel Qorti tiddelibera biex tiddetermina liema preskrizzjoni oħra setgħeet tkun applikabbli u bħala fatt dan ma ġiex minnha ddikjarat fid-decide tas-sentenza tagħha. Una volta pero' li l-Ewwel Qorti kkunsidrat dan l-aspett u ppronunzjat ruħha dwaru, anke jekk *obiter*, kien neċessarju li din il-Qorti ukoll tinvesti u tikkunsidra tali pronunzjament. Fid-dawl ta' din il-konsiderazzjoni jidher *stricto iure* inutili l-appell inċidentali interpost mir-rikorrent, anke jekk dan ta l-opportunita' lil din il-Qorti biex tiddelibera dwar materja ta' interess ġuridiku notevoli;

Finalment din il-Qorti tagħmel aċċenn għal żewġ sottomissjoniijiet oħra ta' l-intimat appellant fir-rikors ta' l-appell;

L-ewwel sottomissjoni hi fis-sens li hu inkonċepibbbli li filwaqt li l-liġi trid tesiġi speditezza fis-smigħ u fl-appuntament ta' azzjonijiet dwar vjolazzjoni ta' jeddijiet fondamentali "il-liġi trid tagħti liberta' ta' tletin sena biex dawn jiġu intavolati". Din il-Qorti ma tarax in-ness loġiku f'din il-preposizzjoni. Apparti l-fatt li l-preskrizzjoni timporta t-telfien ta' dritt u dan la jista' jiġi preżunt u lanqas jiġi argumentat u għandha tkun il-liġi stess li espressament timponih, iż-żmien meta jiġi jew jista' jiġi eżerċitata dan id-dritt ta' azzjoni jista' jkun suġġett għal varji ċirkostanzi li jkunu jimpedixxu jew jillimitaw ir-rikors mill-parti leża għall-Qrati biex jitlob ridress;

Dan ma jfissirx li min jippretendi li d-dritt fondamentali tiegħu kien ġie vvjolat jew kien mhedded ma kellux jadixxi lill-Qorti u jitlob rimedju minnufih. Mhux għax hekk kien obbligat li jagħmel, imma għax hekk kien fl-interess tiegħu li jaġixxi. Hu ovvju illi jekk din il-persuna ma taġixxix *tempestivament, hi tkun b'daqshekk* biss qed iddagħjjef il-każ tagħha, forsi anke irrimedjabbilment, u *jekk* il-Qorti ma tkunx sodisfatta *mis*-serjeta` u mill-gravita` tal-leżjoni tad-dritt fondamentali jew tat-theddida għalih kif riflessa mill-urġenza ta' l-individwu biex *ifittex* ridress l-ilment jista' *ukoll* jitqies li jkun wieħed frivolu u vessatorju. Dan għaliex hu kontrosens li wieħed jilmenta minn vjolazzjoni *ta' dritt fondamentali* u fl-istess waqt bla ebda *raġuni valida ġustifikattiva* ma jirreaġixxix immedjatament biex tali vjolazzjoni tiġi rettifikata;

L-appellant jissottometti ukoll li t-terminu ta' sitt xhur mogħti *mill-*Kummissjoni *Ewropeja tad-Drittijiet* tal-Bniedem biex fih isiru r-rikorsi quddiemha ċertament kellu jservi ta' bażi għall-analoġija u ta' fonti ta' interpretazzjoni fir-rigward tal-preskrivibbilita' ta' l-azzjoni. Din is-*sottomissjoni* fil-fehma *ta' din il-Qorti mhix korretta.* It-terminu ta' sitt xhur hu infatti marbut mhux mal-mument meta avverrat ruħha l-*leżjoni* jew it-theddida *tal-leżjoni tad-dritt* fondamentali. Hu marbut mad-data meta jkun meqjus li ġew eżawriti r-rimedji ordinarji domestiċi. Ma jistax allura jitqies *li hu perijodu* preskrittiv estintiv ta' l-azzjoni għar-ridress għal ksur tal-jedd fondamentali imma huwa biss terminu li fih wieħed kellu jirrikorri għall-*Kummissjoni* Ewropeja biex jitlob rimedju fit-termini tal-Konvenzjoni wara li diġa' jkun eżawrixxa r-rimedji domestiċi kollha li għalih hu jkollu aċċess. Li jfisser illi jekk fil-pajjiż fejn ġara l-fatt allegatament leżiv tal-jedd fondamentali, id-dritt ta' azzjoni quddiem il-Qorti *ta' dak il-pajjiż kien meqjus* li hu impreskrivibbli daqstant ieħor jibqa' miftuħ bla limitu ta' żmien il-każ qabel jiġi kkunsidrat

mill-Kummissjoni. It-terminu ta' sitt xhur jibda jiddekorri biss meta jkun hemm deċiżjoni finali f'dak il-pajjiż, ikun meta jkun dak iż-żmien:

"*Article 26 further provides that the Commission "may only deal with the matter ... within a period of six months from the date on which the final decision was taken" The ratio legis of the rule is the desire of contracting parties to prevent past decisions being constantly called into question ...*

*The time limit only starts to run from the final decision resulting from the exhaustion of remedies which are adequate and effective to provide redress in respect of the matter complained of*" (Law of European Convention of Human Rights 1995, Harris, Boyle, and Warbrick, p. 621 *et seq*);

Din is-sottomissjoni mhijiex għalhekk sostenibbli;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi:

Tiċħad l-appell inċidentali tar-rikorrent billi dan sar minn parti tas-sentenza appellata li ma kinitx tifforma parti mid-decide tagħha u għalhekk sar inutilment. L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu mir-rikorrent;

Tiċħad l-appell ta' l-intimat appellant bl-ispejjeż ta' dan l-appell kontra tiegħu;

L-ispejjeż tal-Prim'Istanza jibqgħu kif diġa' deċiżi fis-sentenza appellata;

Il-Qorti tirrimetti l-proċess lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għall-kontinwazzjoni fil-meritu.